**3 ta' Mejju, 1990**

**Imħallef: –**

**Onor. Godwin Muscat Azzopardi B.A., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Angelo Vella

**Mart l-Imputat – Xhud – Ammissibbiltà**

*Mart l-imputat ma hix ammissibbli biex tixhed kontra tiegħu fi proċeduri Kriminali.*

Il-Qorti: – Rat l-akkużi miġjuba kontra l-imputat talli f'Bormla fit-18 ta' Novembru 1989 għal ħabta tal-11.00 *p.m.* kiser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew b'mod ieħor bil-lejl, qal kliem faħxi li jikkonsisti f'dagħa fil-pubbliku, stieden għal ġlied

lil Angelo Degiorgio minn Bormla, insulta li Tessie Vella, ikkaġuna ħsara volontarja fil-karozza numru G – 7247 liema ħsara tammonta għal Lm48.04 għad-dannu ta' Angelo Degiorgio;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta tat-28 ta' Frar 1990 li biha sabitu ħati ta' l-ewwel u l-ħames imputazzjoni, u wara li rat l-artikoli 338(m) u 325(e) ikkundannat lill-imputat għall-ammenda ta' Lm10 fuq l-ewwel imputazzjoni, Lm20 ammenda fuq il-ħames imputazzjoni filwaqt li lliberat lill-imputata mit-tieni, mit-tielet, mir-raba' u mis-sitt imputazzjoni;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-imputat li bih talab li din l-Onorabbli Qorti tikkonferma s-sentenza fejn l-imputat ġie lliberat mill-aakużi u tirrevoka s-sentenza fil-parti fejn ġie misjub ħati u tilliberah minn kull piena u ħtija skond il-liġi;

Rat l-atti tal-kawża deċiża mill-Qorti tal-Pulizija Ġudizzjarja;

Semgħet ix-xhieda;

Semgħet it-trattazzjoni;

Peress illi jirriżulta illi l-unika xhud fil-konfront ta' l-appellanti hija martu Tessie Vella li sallum għadha mhix legalment separata minnu, u peress illi din ix-xhud mhix ammissibbli a tenur tal-Kodiċi Kriminali;

Tilqa' l-appell interpost, tirrevokha s-sentenza appellata u

tillibera lill-appellant minn kull ħtija u imputazzjoni.